**Fit-Tribunal ghat-Talbiet Tal-Konsumaturi**

**Rikors Nru C.C.T 148/14/ MS**

**Marisa Portelli**

**vs**

**Mirage Holdings Ltd.**

Illum 17 ta' Novembru 2014,

**It-Tribunal,**

Wara li ha konjizzjoni tal-avviz fl-ismijiet fuq premessi tas-27 ta' Gunju 2014, fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' €480.00 wara li kienet xtrat *steam microwave oven* minghand Flamingo Mirage Holdings, li skond hi, kien difettuz.

Wara li ha konjizzjoni tar-risposta tas-socjeta' konvenuta tat-3 ta' Lulju 2014 illi fiha talbet lit-Tribunal zmien sabiex tispjega b'dettal x'kien gara u l-uzu hazin tal-*microwave* li kien qed issir mir-rikorrenti.

Ra l-verbal tas-seduta tat-28 ta' Lulju 2014, fejn kienu attendew il-partijiet, li qablu li s-socjeta' konvenuta kienet ser tghaddi lir-rikorrenti filtru tal-ilma u *manual* tal-*microwave* in kwistjoni bil-lingwa Ingliza u anke li kienu ser jiftiehmu data u hin meta t-tekniku kien ser imur fir-residenza tar-rikorrenti sabiex jaghtiha dimostrazzjoni kif ghandu jithaddem il-*microwave* in kwistjoni.

Ra li f'dik is-seduta il-kawza kienet giet differita ghad-29 ta' Settembru 2014 ghal informazzzjoni ulterjuri.

Ra illi fl-udjenza tad-29 ta' Settembru 2014, ir-rikorrenti ma dehritx minghajr ma ngabet raguni valida, u dehru biss Mark Laferla u Stephen Abela ghas-socjeta' intimata.

Sema' bil-gurament Mark Laferla u Stephen Abela li t-tnejn qablu li s-seduta tal-lum kienet intiza sabiex ir-rikorrenti tinforma t-Tribunal jekk kenitx sodisfatta bil-prodott wara li kien rega' mar it-technician u uriha kif ghandha tintuza l-*microwave oven*.

**Ikkunsidra;**

Illi ghalkemm ir-rikorrent kienet taf bid-data tas-seduta ghazlet li ma tattendix. Ghalhekk jidher car illi r-rikorrenti ma fadlilhiex interess fil-kawza.

**Ghal dawn il-motivi**

It-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti b'dan li l-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu bla taxxa, peress li s-socjeta' konvenuta naqset li tipprovdi struzzjonijiet bl-Ingliz fil-mument tax-xiri tal-oggett.

Michela Spiteri Av.
Arbitru